Kunsill Lokali Ħal Safi
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290    Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt    Web Page : www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa u erbgħin (49) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar, 2010, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS), fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |
| | Anthony Bonello | |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. Is-Sindku talab **sospenzjoni tal-agenda** u kien hemm qbil unanimu sakemm jitkellmu xi residenti li attendew għal din is-seduta bil-għan li l-każ tagħhom tal-***bus stop*** fi Triq iż-Żurrieq, jerġa' jispostja ruħu u jmur quddiem residenti oħrajn. Huma qed jallegaw li minħabba l-inkonvenjent tiegħu, dan qed jagħmillhom il-ħajja diffiċli. Dawn ir-residenti għandhom jerġgħu jkellmu lil ADT.

4. Kienet diskussa il-**laqgħa pubblika** li issa se jkollna nagħmluha aktar kmieni mis-soltu, għaliex anke l-Estimi Finanzjarji se jkollhom ikunu ppreparati qabel is-soltu, minħabba l-għeluq bikri tas-sena tal-Kunsill. Din ġie deċiż li ssir nhar it-18 ta' Frar, 2010 fis-6:00pm f'din l-istess kamra, fil-Bini Amministrattiv tal-KLĦS. Biex issir pubbliċita' għaliha se nġibu avviż kemm fil-ġurnal "The Malta Independent" kif ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern. Se nqassmu bieb b'bieb avviż ċkejken f'kull dar ħalli żgur li kulħadd ikun jaf b'din id-data.

5. Il-kunsillieri sabu ir-rapport imtella' mis-**sistema tal-Infurzar tal-liġijiet** (LES), taċ-ċitazzjonijiet li ingħataw għax-xahar ta' Jannar 2010 ġewwa Ħal Safi, fil-garzelli tagħhom. Hawn kien hawn diskussjoni dwar jekk il-Kunsill hux qed jagħmel qligħ jew telf mis-sistema. Anthony Bonello qal li anke jekk qed ikun hawn telf, dan żgur li mhux wieħed insostenibbli u wieħed għandu jistenna ir-riforma li se titħabbar iminentement mis-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'dan l-aspett. Dan għaliex it-tnaqqis tat-Tribunali Lokali minn numru preżenti, se jkun qed jissarraf f'inqas spejjeż għall-Kunsilli Lokali u għaldaqstant se jkun aktar *cost effective*. Madankollu, is-Sindku qal li skond l-Uffiċċjal Awtorizzat, Ħal Safi sejjer tajjeb f'dak li għandu x'jaqsam l-LES.

6. Dwar it-talba mill-KLĦS sabiex **l-etajiet tat-tfal li jattendu n-*nursery*** tagħna togħla minn tlettax għal ħmistax, għad m'għandniex risposta. Madankollu is-suġġeriment sabiex ikun hemm tisħib mal-lokalita' ta' Ħal Kirkop anke dwar użu ta' faċilitajiet sportivi, ma deherx wisq attraenti għall-kunsillieri għaliex dan jista' jagħti lok li jivvantaġġja lokalita' oħra u mhux dik tagħna.

7. Kien diskuss ukoll il-bżonn li l-**kaxxa tat-telefon** il-ġdida titwaħħal ġaladarba għandna l-permess tal-MEPA. Dwar il-finanzjament tagħha, is-Sindku qal li se jkollna niffinanzjawha aħna skond kif qallu is-Sur Alfred Scicluna, tal-kumpanija Go-plc. Dik l-antika li hemm preżentement biswit l-Għassa tal-Pulizija jinħtieġ li tiġi eliminata billi tingħalaq darba għal dejjem, għaliex is-servizz tagħha qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu hemm. Madankollu se nieħdu l-inkarigu sabiex ninsistu mal-kumpanija Go plc (kollox bil-miktub) biex titwaħħal il-ġdida għas-spejjeż tagħhom. Kemm-il darba li naslu biex inħallsuha aħna, għandna nagħmlu kundizzjoni illi dik l-antika, tibqa' fejn hi u titqies bħala parti mill-għamara tat-toroq propjeta' tal-KLĦS.

*8.* L-**arbli tad-dawl** viċin il-Ġnien Dun Karm Vella issa li twaħħlu bil-lanterni b'kollox, jonqoshom li ssir trinka biex ikunu ikkumnikati bl-elettriku mal-*grid.*

9. Il-**ħaxix ħażin** li nibet fil-fili tas-*safety mat* li hemm fil-bandli ta' Triq il-Menqa issa inqata' mill-ħaddiema tal-IPSL tal-KLĦS.

10. Nhar id-29 ta' Jannar, 2010, **il-Kunsill iltaqa' ma' l-Onor Chris Said**, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Is-SE qara l-minuti li pprepara f'din il-laqgħa u dawn kienu l-affarijiet li ssemmew waqt din il-laqgħa.

11. Il-bżonn urġenti tar-**restawr ta' Ġnien Ball.** Il-KLĦS se jissottometti it-talba lill-Gvern Ċentrali permezz ta' Memo 21/2010. S'issa ingħatat stima minn Vince Farrugia li iddikjara li hemm bżonn jinbidlu kważi 150 ħaġra bil-lavur b'kollox, liema stima tilħaq is-somma ta' €22,000. Permezz ta' din l-iskema se jibbenefikaw għaxar Kunsilli Lokali żgħar.

12. Suġġett ieħor li kien diskuss waqt il-laqgħa ma' l-Onor Chris Said, kien il-bżonn li **titwessa' parti minn Triq il-Kuċċard** biex tlaħħaq mal-volum qawwi tat-traffiku li jgħaddi minnha. Matul il-laqgħa ingħad illi bħal issa jinħass aktar dan il-bżonn bi traffiku addizzjonali għaddej temporanjament minnha sakemm il-Gvern Ċentrali jlesti il-kisi mill-ġdid ta' Triq Valletta, Zurrieq, li preżentement tinsab magħluqa biex isiru ix-xogħlijiet. Dr Said ingħata kopja tas-*site plan* fejn jinħtieġ li jsir dan il-propost twessiegħ.

13. Għall-proposta ta' dan il-Kunsill biex issir **manutenzjoni ta' diversi bankini** is-Segretarju Parlamentari indika li ser tkun diffiċli biex hu ikun jista' jgħin għaliex dan il-provediment diġa' jinsab inkluż mal-ammont fl-allokazzjoni governattiva li ningħataw bħala Kunsill Lokali.

14. Għat-talba li għamel mas-Sovratendenza Partimonju Kulturali Malti biex il-**KLĦS jakkwista is-Shelters** ta' żmien il-gwerra fil-Pjazza tal-Knisja, intqal mis-Segretarju Parlamentari li din trid tkun indirizzata lid-Direttur Gvern Lokali (Taqsima tad-Devoluzzjoni).

15. Il-KLĦS approva l-ħlas ta' €944 biex jieħu is-servizzi tal-Enġinier Renzo Curmi ħalli jħejji id-**dokument tal-offerta** għas-sistema li hemm il-ħsieb li tiġġenera l-enerġija alternattiva mix-xemx fil-forma ta' elettriku li tkun imqabbda mal-*grid*. Din se titpoġġa fuq il-bejt tal-Kunsill. Għal dan il-għan is-Sur Curmi se jiġi jkellem lill-kunsillieri waqt il-laqgħa tal-Kunsill u fl-istess ħin jara s-sit ukoll biex jikkonferma li l-proġett hu wieħed fattibbli. Is-SE diġa' ta diversi dettalji lis-Sur Curmi bħalma kienu il-kontijiet tad-dawl tal-Kunsill biex naraw kemm se niffrankaw b'din is-sistema. Suġġett ieħor li se jkun diskuss mas-Sur Curmi hu dak li kien diskuss ma' l-Onor Chris Said, jiġifieri, l-proġett ta' nstallar ta' pannelli fuq il-bjut tar-residenti tagħna għal prezz sussidjat biex l-enerġija tax-xemx tkun konvertita f'misħun għall-konsum domestiku.

16. Fil-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said, kien diskuss kif il-KLĦS jista' jibbenefika minn **pariri fl-uffiċċju tal-MEUSAC** biex finalment jittappja fondi mill-Unjoni Ewropeja sabiex speċjalment toroq qalb ir-raba jiġu rranġati u preferibbilment miksija mill-ġdid. Hawn issemma' l-programm Leader+. Madankollu il-KLĦS ingħata l-parir sabiex jissieħeb f'*Local Action Group* bħal dak tal-GAL Xlokk għaliex grupp ta' Kunsilli Lokali, għandu saħħa ħafna aktar minn Kunsill wieħed. Dwar dan, is-Sindku għandu jkellem lis-Sindku taż-Żejtun, il-President tal-GAL Xlokk sabiex il-KLĦS jiġi aċċettat wara li konna ġejna rifjutati għaliex applikajna tard.

17. Kien imqajjem ukoll il-każ ta' inkonvenjent bil-problema tal-ilma tax-xita miġbur f'**għadira kbira fil-Karwija**. Dan minkejja l-ġiebja mibnija fl-ajruport innifsu biex tiġbor l-ilma li mhix biżżejjed, għaliex timtela' mal-ewwel bexxa xita u tibqa' mimlija x-xitwa kollha. Hawn intqal li hemm bżonn li jsiru *culverts* tal-ilma li jiswew eluf ta' ewros. Kopja tas-*survey* li sar għall-Kunsill Lokali Ħal Safi kien preżentat f'din il-laqgħa tal-Kunsill. Meta jsir ir-rapport tal-Perit Robert Musumeci, dan se jintbgħat lill-Onor Said, biex imexxih hu. Dan għaliex il-proġett għandu jkun wieħed nazzjonali aktar milli wieħed lokali minħabba l-kobor tiegħu.

18. Il-proposti tas-***cctv cameras* fiċ-ċentru** tar-raħal ukoll ingħataw prijorita' waqt il-laqgħa ma' l-Onor Chris Said. Infatti l-kunsillieri jemmnu li dawn huma ta' deterrent għal min ikollu intenzjonijiet ħżiena. Il-Gvern Ċentrali lest jgħin f'dan l-aspett ukoll biex niġġieldu l-kriminalita', iżda l-ewwel iridu nagħmlu ċertu xoħol bħal stimi u fuq kollox nilqgħu suġġerimenti minn persuni esperti. Għal dan il-għan il-KLĦS se jibda' billi jieħu l-parir ta' lokalita' oħra żgħira viċin tagħna, li għandha installati *cameras* tas-sigurta'. Dan se jagħmlu billi se jkun

mistieden jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Mario Salerno.

19. Wara li kien mistieden l-Onor Dr Said biex is-serata li fiha jingħata l-**Premju Onorefiċenza** tkun taħt il-patroċinju tiegħu, intqal ukoll li għandna nistiednu wkoll lis-*Shadow Minister,* l-Onor Stefan Buontempo. Kien deċiż ukoll illi fil-każ li l-Onor Said ma jkunx preżenti għal xi raġuni, il-premju fuq imsemmi jkun preżentat mill-istess Onor Buontempo. Is-Sur George Curmi, il-Puse' mhux se jkun jista' jiġi jdoqq waqt din is-serata għaliex għandu impenji oħra, madankollu se nippruvaw insibu vjolinista ieħor bħas-Sur Mario Ciantar, jew is-Sur Ray Abela.

20. Dwar il-**Kompetizzjoni tal-Inbid** li l-Kunsill jorganizza l-ġimgħa f'Jum Ħal Safi, se nippruvaw inġibu l-għaqda letterarja tal-malti, magħrufa bħala Vers Agħtini. Fil-każ li dawn jaċċettaw, hemm rimunerazzjoni żgħira b'obbligu għal dan is-servizz li l-Kunsill ukoll qabel li jinħareġ mill-fond tal-ospitalita' tiegħu biex is-serata tkun animata aħjar b'mod differenti.

21. Il-**laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 25 ta' Frar, 2010 fis-6:00pm biex jiġu diskussi diversi suġġetti urġenti anke wkoll relatati ma' Jum Ħal Safi bi preparazzjoni minn qabel.

22. Se jibda' ir-**restawr tan-niċċa tad-Duluri,** mis-Sur Chetcuti. Infatti se jsir kuntatt mal-persuna li taf fejn huma it-toqob diġa' mħaffra fil-ħajt biex fihom jidħlu l-pajpijiet ħalli jsostnu it-tavlun li minn fuqu se jkun qed isir ix-xogħol neċessarju.

23. Reġgħet ħarġet l-offerta pubblika tal-**embellishment ta' Pjazza San Ġużepp**. Is-SE qal li bagħatna l-offerta lil dawk li kienu bbiddjaw fl-ewwel ħarġa ta' din l-offerta. Sadanittant id-dokumenti inxtraw ukoll minn kumpanija oħra. L-istima reveduta tal-Perit Robert Musumeci, telgħet għal €47,000 inkluż previżjon ta' kontinġenza ta' 10%. (Dawn il-minuti mhux se jitpoġġew fil-website sakemm tagħlaq l-offerta ħalli ma jingħatax ħjiel lil bidders kemm għandhom jitfgħu l-offerta l-ġdida.)

24. Wara li rrispondenja lill-**Ombudsman**, dwar il-każ ta' Ms Olivia Sammut dwar parkeġġ quddiem ir-residenza tagħha, din kitbet ittra lil kull kunsillier personalment u bagħtita lilhom fi djarhom biex tippersisti bil-każ tagħha għaliex qed ikun allegat illi mhux qed nagħtu każ tagħha. Il-kunsillieri qablu li din kien immissha bagħtitha fl-uffiċċju. Is-Sindku qal li llum ġiet l-uffiċċju fuq ilment illi l-kollettur ma ħadilhiex il-borża tal-iskart u tefgħetu faċċata tad-dar tagħha mal-ħajt tal-għalqa. Hu tenna, li ċempel dak il-ħin stess lill-kollettur u dan kellu jiġi jneħħi l-istess borża.

25. Il-KLĦS irċieva u approva l-istima għall-**manutenzjoni tal-bankijiet** tal-ħaġar biswit il-librerija pubblika. Din l-istima ta' €103, bagħtitha l-Kap tal-Iskola wara

li kienet avżata minn dan l-uffiċċju biex tfornina biha peress li kienet talbitna permezz ta' ittra oħra ftit tal-ġimgħat ilu biex nidħlu għal dawn ix-xogħlijiet.

26. Se nkellmu lill-***Environmental Landscapes Consortium*** sabiex dawn jiżbrulna siġra li qed taħbat mal-wires tal-elettriku f'Tar-Rqajja.

27. Matul din il-laqgħa kien indikat sit fejn qed issir proposta biex tinbena l-**arma ta' Ħal Safi** minn ġebel ma l-art, bħalma sar viċin il-mina ta' Ħal Kirkop. Dan il-ġebel qed ikun miżbugħ biex jagħti dehra skura fil-parti fejn l-arma fiha l-kulur.

28. It-trinka fejn kien niżel ir-***reinstatement* tagħha fi Triq il-Kuċċard**, kif deskritta mill-kunsillier Eddie Bonello, fil-minuti tas-seduta preċedenti, imtliet mill-ġdid.

29. Issemma ***wire*** ieħor li inqala' minn **Triq il-Kuċċard** wara li ftit ilu inqala' arblu biex kienet relokata lampa tat-toroq. Dan jinsab viċin il-bar fl-aktar parti wiesgħa tat-triq.

30. Il-kennies ġabar il-**karti li kienu xterrdu bir-riħ fi Triq Dun Gwann Zammit**. Dan l-ilment kien ukoll imsemmi fis-seduta preċedenti mill-kunsillier Eddie Bonello.

31. Inqalgħet is-***sleeping policeman* biex ġiet relokata fejn m'hemmx bini,** wara l-viżita mill-kunsillieri fuq il-post wara l-laqgħa preċedenti tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar, 2010 fi Triq il-Biedja. Dan sar biex innaqqsu l-inkonvenjenti għar-residenti u biex xorta waħda nilħqu l-għanijiet tagħna u ma jkunx hemm sewqan esaġerat fit-toroq.

32. Kien hemm osservazzjoni oħra minn Jerome Busuttil fuq it-**tabella tad-direzzjoni** fejn iċ-ċimiterju. Hawn intqal mis-Sindku li hemm oħra li turi ***Safi Centre*** li kienet imwaħħla il-ġimgħa li għaddiet. Madankollu Jerome Busuttil qal li xorta hemm bżonn li titwaħħal din il-blu tal-*45degree sign.*

33. L-ewwel talba li inqrat fil-korrispondenza kienet dik tal-Kap tal-Oppożizzjoni miktuba mill-Assistent Personali tiegħu Mark Farrugia datata id-29 ta' Jannar, 2010. F'din l-ittra **kienet mitluba s-sala tal-komunita'** biex tintuża minn Dr Muscat nhar il-21 ta' Frar, 2010. Minkejja li Eddie Bonello u Francis Callus qablu li jingħata l-permess, is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillier Jerome Busuttil ma qablux li jingħata minħabba l-assoċjazzjoni diretta mal-politika ta' Dr Muscat bħala Kap tal-Oppożizzjoni. Is-Sindku qal li s-sala ma tinkeriex għal attivitajiet politiċi, għax din hija *policy* tal-Kunsill.

34. Inqrat l-e-mail tas-7 ta' Frar, 2010 tas-Sur Alexis Callus dwar l-għeluq ta' Triq San Pawl. Is-Sur Callus issuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ ***pass*** **għar-residenti** u l-qraba ta' Triq San Pawl u lmenta minn **nuqqas ta' konsultazzjoni** mal-istess residenti. L-għeluq ta' din it-triq (inqrat l-ittra tas-Sur Charles D'Alfonso li t-TP għalqet it-triq mis-6 ta' Frar, 2010) kien xprunat minn devjar tal-vetturi li qabel

kienu jgħaddu minn Triq Valletta Zurrieq u li kienu bdew jgħaddu mill-qalba tar-raħal. Dan sar bl-approvazzjoni tal-Transport Malta (TM). Kien hemm diversi suġġerimenti oħra fosthom illi kien imissha ingħalqet it-triq minn isfel, illi kellha ssir *cul de sac*, li skond ma qalu lis-Sindku t-TM, din ma taħdimx, li jkunu inklużi l-kelmiet ma' dawk tar-residenti 'except for funerals', kif ukoll 'except those rendering a service' u wkoll 'except in emergency'. Fuq kollox intqal illi minn ħafna distanza bogħod, jiġifieri fejn iċ-ċimiterju, hemm diġa' tabelli li jindikaw lis-sewwieq x'se jsib minkejja li diġa' kien hemm aċċident fil-jiem li għaddew bejn pulizija li ddirezzjona t-traffiku u l-pubbliku, li kellu jinvolvi ruħu fih is-Sindku. Minkejja din id-deċiżjoni fejn issa t-traffiku mhux qed jgħaddi aktar mill-qalba tar-raħal, iżda biss mill-by-pass ta' Ħal Safi, Triq il-Kuċċard, Eddie Bonello ressaq l-ilment li ġabulu xi sidien ta' ħwienet fejn qalulu li qed jonqos il-kummerċ (negozju). Hu saħaq li għandna naraw jekk in-nuqqas ta' traffiku hux verament qed iħalli impatt daqshekk negattiv fuq il-kummerċ. Hemm xi residenti li qed jgħidu li din it-triq se tibqa' hekk magħluqa minn naħa t'isfel (inqrat ittra oħra tas-Sur Michael Spiteri li faħħar l-ideja u ssuġġerixxa li dan l-arranġament ma jkunx wieħed temporanju biss) u mhux temporanjament sakemm jingħata l-wiċċ ta' Triq Valletta, Zurrieq biss. Dwar l-ilment tan-nuqqas ta' kummerċ, ċemplu wkoll il-*General Retaileres and Traders Union* fejn talbu li jiltaqgħu magħna. Fost dawk li semmgħu leħinhom jidher li hemm kumpanija tal-Assikurazzjon, Pompa tal-Petrol u ħwienet oħra tal-merċa, pasti u dvd's fi Triq iż-Żurrieq. Jimmy Busuttil qal li jekk iridu, l-GRTU għandhom jitkellmu mat-TP ġaladarba l-għeluq tat-triq kien approvat minnhom. Intant Francis Callus ippropona biex isiru aktar tabelli li għandhom juru Safi Centre. Hu ta aktar dettalji fejn jaħseb li għandhom jitpoġġew.

35. Inqrat l-ittra li nistgħu ngħidu li hija *acknowledgement* mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u l-Manutenzjoni (Works Division) fejn irċevew il-**pagament ta' €1000** u indikawlna li għad fadlilna xi nħallsuhom b'madwar €8,600 oħra.

36. Wara li l-Kunsilli Lokali kienu infurmati mid-Dipartiment Gvern Lokali biex iwaqqfu kwalunkwe t-**trasport bi skeda,** biex jagħti lok għad-dħul ta' kumpanija privata biex tagħmel dan ix-xogħol bħala parti mir-riforma tat-trasport pubbliku, se nieħdu parir, jekk it-trasport tad-*Day Centre* hux se jkun hekk kunsidrat, biex ikun indikat fit-tweġiba tagħna.

37. Kien approvat il-**manutenzjoni fuq il-Bieb tal-Lift** li jinkludu wkoll sellum għall-pit li tlaħħaq is-somma ta' €578 ewro. Dan ix-xogħol se jsir minn JD lifts fil-jiem li ġejjin għal skopijiet ta' sigurta'.

38. Dorianne Zammit ipproponiet li permezz tal-istudenti li se nkunu qed nużaw is-servizz tagħhom għal ġimgħatejn mill-Kulleġġ San Benedittu, dawn għandhom jaġġornaw id-***data base* tal-kotba fil-librerija pubblika**.

39. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets* numri *41 u 42*** minbarra l-pagament tal-Perit Robert Musumeci indikat.

40. Il-Kunsill se jiddiskuti l-***performance bonus*** tal-impjegati f'seduta oħra.

41. Il-laqgħa ntemmet fl-10:10pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25/02/10 minn Pietru Pawl Busuttil
Għas-Segretarju Eżekuttiv Sindku